*- DIVIZZJONI - ASSENJAZZJONI - EKWIPARAZZJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002**

**Kawza Numru: 41**
**Citazzjoni Numru: 456/95/RCP**

**Frank Bonello bin il-mejjet John, Emmanuela armla Zammit u Carmelo Bonello**

**vs**

**Julian, Francis u Joseph ahwa Bonello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi fis-16 ta' Lulju, 1971 miet Carmelo Bonello bin il-mejtin Ignazio Bonello u Scolastica nee' Spiteri, Dokument "A";

Illi l-istess Carmelo Bonello kien halla warajh lil bintu Emmanuela armla Zammit, hawn attrici li kienet tigi t-tifla tieghu mill-ewwel zwieg tieghu ma' Helen nee' Borg, u kellu mit-tieni zwieg tieghu ma' Helen nee' Mifsud hamest itfal jisimhom Julian, Carmelo, Francis, Joseph u John ahwa Bonello;

Illi fis-27 ta' April, 1977 mietet l-istess Helen nee' Mifsud armla mil fuq imsemmi Carmelo Bonello u halliet warajha lil fuq imsemmija hames uliedhom u cioe' John, Carmel, Francis, Joseph u Julian ahwa Bonello, Dokument "B";

Illi fis-27 ta' Ottubru 1990 miet John Bonello u ddispona mill-wirt tieghu b'testment tat-8 ta' Marzu, 1988, b'liema halla l-wirt kollu tieghu lill-unika ibnu Frank Bonello, l-attur, fil-prezenti kawza u l-uzufrutt lil martu Anna nee' Attard, kopja tal-imsemmi testment hija hawn esebita u mmarkata Dokument "C";

Illi l-istess fuq imsemmi Carmelo Bonello kien iddispona mill-wirt tieghu b'testment *unika carta* tat-30 ta' Jannar, 1958 fl-atti tan-nutar Dr. George Bonello du Puis liema testment l-istess Carmelo Bonello kien ghamlu *unica carta* mal-fuq imsemmija Helen nee' Mifsud, liema testment qed jigi hawn esebit u mmarkat Dokument "D";

Illi l-proprjeta' appartenenti lill-assi tal-eredita' tal-fuq imsemmija Carmelo Bonello u Helen Bonello nee' Mifsud kienu jikkonsistu f'dawk l-atti dikjarati fid-denunzji taghhom

hawn esebiti u mmarkati Dokumenti E u dawk l-assi l-ohra li jirrizultaw fil-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

Illi l-atturi ma jridux ikomplu izjed igawdu 'l fuq imsemmi beni in komun mal-konvenuti u ghalhekk qed jaghmlu l-prezenti citazzjoni ghad-divizjoni tal-istess beni;

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi li:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-fuq imsemmija Carmelo Bonello u Helen nee' Mifsud billi tiddikjarahom jezistu f'dawk il-beni li jirrizultaw tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

2. Tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali ii jigu assenjati porzjoni lill-eredita' ta' Carmelo Bonello u porzjoni ohra lill-eredita' ta' Helen Bonello nee' Mifsud;

3. Tillikwida l-eredita' appartenenti lill-assi ta' Carmelo Bonello billi tiddikjarah jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidat kif ukoll f'dawk il-beni parafernali u assi ohra i jirrizultaw appartenenti lill-istess eredita' tul it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Tillikwida l-eredita' appartenenti lill-fuq msemmija Helen Bonello nee' Mifsud billi tiddikjarah jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidata kif ukoll f'dawk l-

atti parafernali u assi ohra li jirrizultaw tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

5. Tordna, id-divizjoni tal-eredita' ta' Carmelo Bonello billi tordna d-divizjoni tal-istess f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-fuq imsemmija werrieta;

6. Tordna l-likwidazzjoni tad-divizjoni tal-eredita' ta' Helen Bonello nee' Mifsud billi tigi diviza f'hames porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjoni lil kull wiehed minn uliedha u cioe' lil Julian, Francis, Joseph, Carmelo u porzjoni ohra lil Frank Bonello fil-kwalita' tieghu ta' eredi ta' John Bonello;

7. Tiffissa data, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-att tad-divizjoni relattiv u tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-istess att u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq dak l-att;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 17 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 23 fejn gie eccepit:

(1) Illi l-konvenuti ghandhom ukoll interess illi tigi likwidata u diviza l-eredita' ta' Carmelo Bonello u Helen Bonello.

(2) Illi sa fejn jafu huma l-assi ereditarji huma dawk elenkati fid-denunzji kopja taghhom gia' esebita bhala Dok "E".

(3) Illi l-konvenuti ghamlu diversi tentattivi sabiex issir id-divizjoni bonarjament liema divizjoni qatt ma sehhet ghal ragunijiet imputabbli lill-atturi u ghalhekk m'ghandhomx ibaghtu spejjez ta' din il-procedura.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 25

Rat il-verbali tal-25 ta' Gunju 1996, 9 ta' Dicembru1996 u tal-10 ta' Jannar 1997.

Rat in-nota tad-19 ta' Frar 1997 ta' l-attur Frank Bonello (fol. 27 sa 30).

Rat il-verbali tal-10 ta' Marzu 1997 u tas-26 ta' Mejju 1997.

Rat in-noti tat-13 ta' Gunju 1997 ta' l-attur Frank Bonello (fol. 34 sa 48).

Rat il-verbali tal-5 ta' Dicembru 1997 fejn il-Qorti rrilevat li ma hemm l-ebda talba ghall-likwidazzjoni tal-assi tal-ewwel mara tad-decujus cioe' Helen nee' Borg, u tal-4 ta' Marzu 1998.

Rat in-nota tat-28 ta' April tal-attur Frank Bonello (fol. 53 sa 63).

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-1 ta' Gunju 1998 tal-attur Frank Bonello (fol. 65 sa 71).

Rat il-verbali tat-22 ta' Gunju 1998 , 14 ta' Dicembru 1998, 14 ta' Mejju 1999, 21 ta' Gunju 1999 fejn xehed l-attur Frank Bonello, 27 ta' Ottubru 1999 fejn gie nominat il-Perit Tekniku AIC David Pace sabiex jaghmel stima tal-fondi u pjan ta' divizjoni li gie anke awtorizzat jaghmel il-pjanti necessarji f'kaz ta' art in divizjoni, 21 ta' Frar 2000 , 5 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif illum presjeduta, 14 ta' Novembru 2000, 31 ta' Jannar 2001, 21 ta' Frar 2001, 7 ta' Marzu 2001, 23 ta' Mejju 2001 fejn il-Perit Tekniku kkonferma r-rapport bil-gurament.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku David P. Pace (fol. 90 sa 125).

Rat il-verbali tal-5 ta' Lulju 2001 u tas-27 ta' Novembru fejn deher biss l-attur li rrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ta' divizzjoni tal-konjugi Carmelo Bonello li miet fis-16 ta' Lulju 1971, u tal-armla tal-istess *decujus* Helen nee' Mifsud li mietet fis-27 ta' April 1997, fejn jirrizulta li l-eredi ta' missier l-attrici skond testment *unica carta* datat 30 ta' Jannar 1958 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis u esebit bhala Dok. "D" a fol. 9 tal-process huma l-attrici Emmanuela armla Zammit, bintu mill-ewwel zwieg ma Helen nee' Borg, u uliedhu mit-tieni zwieg ma Helen nee' Mifsud, u cioe' Julian, Carmelo, Francis, Joseph u John ahwa Bonello, fil-waqt li l-eredi ta' Helen nee Mifsud skond l-istess testment *unica carta* tat-30 ta' Jannar 1958 premess huma l-hames ulieda hawn fuq indikati; illi fl-ahharnett jirrizulta li miet John Bonello fis-27 ta' Ottubru 1990 u halla bhala eredi tieghu lill-ibnu Frank Bonello, b'martu Anna Attard tgwadi l-uzufrutt skond testment *unica carta* tat-8 ta' Marzu 1988 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u esebit bhala Dok. "C" a fol. 8 tal-process.

Illi mir-rapport peritali jidher li l-istess perit tekniku David Pace A & C.E. spezzjona l-fondi kollha illi jiffurmaw id-divizjoni in kwistjoni u dana bi qbil mal-partijiet, skond kif jirrizulta mir-raba' (4) paragrafu tar-relazzjoni tieghu, u ghalhekk jidher li l-istess partijiet jaqblu dwar il-konistenza tal-assi ereditarju ta' kull wiehed mill-genituri taghhom, u fil-fatt l-istess perit tekniku rrellata li dawn jikkonsistu fis-segwent u cjoe' :-

*"L-assi in divizjoni huma dawk kif elenkati fil-lista li tinsab a fol. 15 tal-process hlief illi l-fondi segwenti: "Lolita", Triq Sant' Andrija, San Giljan; Numru 11 Valley Road, Imsida; ghalqa "Ta' Abdilla", gewwa Triq Sant' Andrija; Numru 10 Flat numru 2, St. George's Junction; u Numru 11 St. George's Junction, mhumiex inkluzi fid-divizjoni. Skond l-informazzjoni moghtija l-fond "Lolita" gie mibjugh; u l-fond Numru 11, Valley Road, Imsida gie esproprijat skond id-*Dokument "AI" esebit mill-attur *waqt l-access tas-7 ta' Marzu 2000; l-ghalqa "Ta' Abdilla" inbieghhet; u z-zewg fondi 10/2 St. George's Junction u 11 St. George's Junction huma parti minn donazzjoni"*

**<u>(A) DESKRIZZIJONIJIET</u>**

Illi l-istess fondi rimanenti, formanti parti mill-assi ereditarji tal-istess genituri tal-partijiet il-konjugi Carmelo u Helen Bonello gew hekk deskritti fir-rapport peritali premess, u jidher li l-partijiet qablu mal-istess deskrizzjoni u valutazzjoni, stante li hadd minnhom ma oggezzjona ghall-istess.

**(1) Il-fond Numru 1, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians huwa** appartament gewwa blokk ta' tlett appartamenti u jikkonsisti f'kamra ezatt wara l-bieb tat-tarag illi hija forma ta' "L" u li taghti ghal bieb li jidhol fuq zewgt ikmamar fuq in-naha tal-faccata. Dawn iz-zewgt ikmamar isegwu wiehed wara l-iehor u li jitterminaw f'bieb illi jaghti ghal fuq gallerija mikxufa ghal fuq il-faccata. Fuq in-naha ta' wara mbaghad hemm bieb illi jaghti ghall-kamra

tal-banju b'tieqa ghal fuq terrazzin zghir fuq wara u bieb magenbu illi jaghti ghal zewgt ikmamar wahda wara l-ohra, ta' l-ewwel fiha bieb ghal fuq it-terrazzin iz-zghir, waqt illi l-kamra ta' wara nett hija maqsuma f'zewgt ikmamar zghar u li kull wahda minnhom fiha tieqa zghira ghal fuq in-naha ta' wara tal-fond. Il-post huwa mibni b'travi tal-hadid midfunin fix-xorok, hemm l-art miksija *bil-linoleum,* l-aperturi esterni huma ta' l-*aluminium* waqt illi nternament ma hemmx aperturi u hemm ukoll madum tas-*cement* ikkulurit u ddisinnjat. Il-fond huwa generalment fi stat tajjeb u jinsab vojt u liberu u frank.

**(2) Il-fond Numru** 2, **St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians** fih l-istess tifsila bhal dak gia' deskritt Numru 1 izda minfiok kamra wara l-ohra fuq il-faccata, iz-zewg ambjenti huma wiehed magenb l-iehor u l-ewwel kamra fiha gallerija miftuha bil-poggaman tal-hadid fuq il-faccata waqt li dik ta' magenbha illi hija dejqa u fiha hajt ta' l-appogg gew fl-iskontru ghandha tieqa ghal fuq l-istess faccata. Bhala kostruzzjoni t-travi tal-hadid huma mdendlin u mhux midfunin fis-saqaf u ma hemmx terrazzin zghir fuq in-naha ta' wara. Minbarra dan, il-fond huwa fi stat hazin ghax fih tbajja' ta' umdita' fis-soqfa u jinsab zdingat billi ilu ma jintuza. La hemm fliskatur u lanqas aperturi interni. Dawk esterni huma tal-hadid jew ta' *l-aluminium.*

**(3) Il-Flat Numru 3, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians** qieghed fuq in-naha l-ohra tal-blokk mit-tnejn l-ohra deskritti qabel u fih kamra kif tidhol mit-

tarag, bieb fuq in-naha ta' quddiem illi jaghti ghall-kamra li qieghdha fuq il-faccata U li fiha gallerija miftuha bil-balavostri ghal fuq it-triq u kuridur illi jinzel ghan-naha ta' wara u jghaddi magenb bitha interna li tinsab fin-nots ta' l-appartament. F'dina l-bitha interna hemm tieqa illi taghti dawl ghall-kuridur imsemmi. Wara mbaghad hemm kamra li tiehu l-wisgha kollu tal-fond u li fiha tieqa ghal fuq in-naha ta' wara u bieb illi jaghti ghall-kamra tal-banju illi tinsab fl-ispazju ta' bejn il-hajt ta' l-appogg u l-bitha interna ta' flats l-appartament. Hemm tieqa f'dina l-kamra tal-banju ghal fuq l-istess bitha interna. Bieb fil-hajt ta' wara tal-kamra jaghti ghall-kamra ohra ossia loggia b'tieqa ghal fuq in-naha ta' wara. Dan il-fond huwa fi stat ftit ahjar mill-ohrajn, ghandu l-madum tas-*cement* ikkulurit u bid-disinn hlief ghall-kamra z-zghira jew loggia ta' wara illi ghandha l-art tac-ceramica w il-kamra tal-banju illi hija adebita mill-attrezzaturi kollha u li fiha l-madum tac-ceramica sia fl-art kif ukoll l-gholi kollu tal-hitan.

**(4) Il-fond 'John", gewwa St. George's Junction, St. Julians** attwalment jifforma parti minn blokk ta' bini illi fih "St. Patrick Flats" ghaliex ukoll ghandu bieb mit-tarag komuni tal-blokk izda hu ghandu wkoll bieb ghalih mit-triq bl-isem "John" u tarag illi jitla' ghal dana l-appartament illi jikkonsisti f'kamra fuq il-faccata bil-gallerija maghluqa ta' l-*aluminium* u konkos, kamra ohra warajha illi ghandha l-bieb ghat-tarag u l-bieb l-iehor in-naha l-ohra tal-kamra ghat-tarag komuni tal-blokk, tieqa fin-nofs tal-kamra fil-hajt ta' wara illi taghti ghal fuq il-bitha interna fic-centru tal-bini, kuridur fuq ix-xellug inti u diehel illi jmur ghall-kmamar ta'

wara, zewg ambjenti fejn xulxin accessibbli mill-istess kuridur u n-naha ta' wara, wahda b'tieqa ghal fuq in-naha ta' wara tal-blokk u l-ohra illi taghti access ghal-loggia illi fiha tieqa wkoll ghal fuq in-naha ta' wara tal-blokk u kamra tal-banju magenb il-bitha interna accessibbli mit-tieni kamra ta' dawk illi qeghdin f'tarf l-appartament.

Mill-kamra ta' fuq il-faccata bieb fil-genb jaghti ghal tarag illi jitla' 'l fuq izda dan it-tarag jinsab imbarrat. Il-post ghandu l-art tac-ceramica u kamra tal-banju armata b'kollox, suffitti fil-kmamar u aperturi esterni ta' l-*aluminium.* Il-post jinsab f'kundizzjoni tajba u jinsab mikri tis-somma ta' sitta u tletin lira Maltin (Lm36) fis-sena.

**(5) Il-fond "Mary", gewwa St. George's Junction, St. Julians jokkupa** parti mill-pjan terran ta' taht il-karp ta' bini gewwa "St. Patrick Flats". Tarag qasir jaghti ghall-kamra fuq il-faccata u b'tieqa ghal fuq it-triq u bieb fil-lemin illi jaghti lura lejn il-faccata ghal taht it-tarag tal-blokk "St. Patrick's" u bieb fuq in-naha l-ohra illi jitla' ghal kuridur illi jibqa' niezel mal-hajt tal-lemin u jaghti access ghal diversi ambjenti. L-ewwel wiehed minnhom illi jiehu l-access minn bieb fuq ix-xellug tal-kuridur jaghti ghall-kamra b'tieqa ghal fuq il-bitha interna fic-centru ta' l-appartament, it-tieni bieb fuq ix-xellug ukoll tal-kuridur jaghti ghall-access ta' l-istess bitha, waqt illi bieb fit-tarf tal-kuridur jaghti ghall-ambjent illi jokkupa l-wisa' kollu tal-fond u jinsab fin-naha ta' wara u li fih ukoll hemm bieb illi jaghti ghal kamrin zghir illi gieghed bejn il-bitha interna tac-centru u l-appogg tan-naha l-ohra.

Fil-hajt ta' wara hemm bieb fuq ix-xellug iIli jaghti ghall-bitha tal-fond u hajt fuq il-lemin illi jaghti ghall-kamra tal-banju illi huwa maqsum f'zewgt ikmamar zghar it-tnejn b'tieqa zghira ghal fuq l-istess bitha.

Il-bini huwa kompost bhal dawk ta' fuqu u madwaru b'soqfa tax-xorok u travi mdendlin tal-hadid, madum tas-*cement* ikkulurit u bid-disinn, aperturi esterni u kif ukoll interni ta' l-injam u kamra tal-banju, friskatur, w.c. u banju, bl-art tac-ceramica u bil-hitan ukoll miksija bic-ceramica u suffitt mas-saqaf. Il-fond jinsab t'kundizzjoni tajba u qieghed mikri fis-somma ta' sitta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm36.50c0) fis-sena.

**(6) Il-fond "Helen", jew "Helena" gewwa St. George's Junction, St. Julians** huwa bini spazjuz pero' qadim illi fil-prezent qieghed jintuza bhala klabb ghad-dilettanti tal-hamiem. Ghandu intrata milhuq b'erba' targiet mit-triq u hnejja fuq il-lemin illi taghti ghall-ewwel ambjent illi fiha apertura kbira fuq il-faccata maghluqha *b'shutter* ta' l-azzar. Mal-genb l-iehor ta' l-ambjent hemm bieb iehor illi jaghti ghall-ispazju ta' taht it-tarag tal-fond adjacenti u hnejja ohra fil-hajt ta' wara illi taghti ghat-tieni ambjent iIli fil-hajt tax-xellug ghandha hnejja ohra illi taghti ghall-prolungazzjoni ta' l-istess entratura. Hawnhekk fit-tieni ambjent hawn attrezzaturi ta' Bar u li warajh ghandu bieb iIli jaghti ghat-tielet ambjent iIli wkoll ghandu bieb fuq ix-xellug illi jaghti ghall-entratura. Hawnhekk l-entratura tieqaf u tizbokka minn bieb fuq ix-xellug ghal gewwa ambjent iehor illi bi hnejja jaghti ghal diversi ambjenti fuq in-naha ta'

wara iIli hija parti qadima waqt illi l-parti ta' barra hija aktar recenti bhala kostruzzjoni u li fiha wkoli kamra tal-banju u diversi remissi zghar fejn jitqieghdu l-attrezzaturi tal-klabb. Dawna ghandhom twieqi illi jharsu fuq bitha interna. Kif inghad, parti ta' barra tal-fond huwa aktar recenti u fih travi ta' l-injam u madum tat-tip *terrazzo* waqt illi internament hemm madum ikkulurit u ddisinnjat tas*-cement.* Il-parti ta' gewwa wkoll ghandhom soqfa tal-konkos u madum tat-tip *terrazzo* u l-aperturi huma whud tal-hadid u ohrajn ta' l-*aluminium.*

Il-post jinsab f'kundizzjoni generalment tajjeb ghalkemm hemm xi postijiet illi jehtiegu manutenzjoni u tiswija partikoIarment fil-parti ta' wara fejn hemm il-parti aktar qadima. Ma gietx moghtija informazzjoni dwar kemm hija mikrija dina l-proprjeta' izda certament mill-attrezzaturi u mill-post kif inhu armat jirrizulta illi fill-fatt illi dan huwa post illi qieghed mikri ghal skopijiet kummercjali u mhux residenzjali.

**(7*)* Il-fond "Joe", gewwa St. George's Junction, St. Julians** jikkonsisti f'post fuq sular wiehed illi fil-prezent huwa wzat mill-Ghaqda tal-Muzika Spinola u li huwa accessibbli mit-triq permezz ta' bieb illi jaghti ghall-intrata illi tiftah aktar ma wiehed jidhol 'il gewwa u li ghandha bieb fil-hajt ta' l-appogg tax-xellug illi jaghti ghall-proprjeta' adjacenti izda illi ma ghandux jitqies ghaIl-fini ta' valutazzjoni odjerna. Wara l-intrata hemm it-tromba tat-tarag illi jitla' ghal fuq u li jaghti ghas-sular ta' fuq illi jikkomprendi kamra fuq il-faccata bil-gallerija miftuha bil-

poggaman tal-hadid, kamra wara t-tromba tat-tarag illi ghandha bieb fil-hajt ta' wara illi jaghti ghal fuq loggia, liema loggia ghandha tieqa kbira ghal fuq in-naha ta' wara u li ghandha bieb fuq il-lemin illi jaghti ghall-kamra tal-banju, waqt illi dik ta' fuq ix-xellug taghti ghal kamra fil-genb b'tarag garigor ghal fuq il-bejt fin-naha ta' wara. Dina l-kamra ghandha tieqa wkoll fuq in-naha ta' wara kif ghandha l-istess ukoll il-kamra tal-banju.

Il-post fih travi tal-hadid imdendlin taht ix-xorok, aperturi interni ta' l-injam, madum ta' l-art in parti tas-*cement* ikkulurit u ddisinnjat u in parti tac-ceramica. Fil-kamra tal-banju hemm madum tac-ceramica fl-art kif ukoll ma' l-gholi tal-hitan kollha. F'din il-kamra tal-banju attwalment hemm zewg bicciet biss konsistenti fi triskatur u w.c. billi la hemm *shower* u lanqas vaska tal-banju.

Il-post huwa mghammar bis-servizzi kollha ta' dawl, ilma u drenagg u ghalkemm, kif diga' inghad, qieghed jintuza mis-socjeta' Ghaqda tal-Muzika Spinola ma jirrizultax illi jithallas xi kera fuq il-post. Ghalhekk ma hemmx certezza illi dan il-post ghandu l-permessi kollha sabiex jintuza bhala post kummercjali u li l-esponent ghalhekk qieghed jistmah bhala fond ta' tip residenzjali u mhux dak kummercjali.

**(8) Il-fond Numru 9, St. George's Junction, St. Julians** li jikkonsisti t'garaxx bil-bieb ta' l-injam b'erba' tebqat u l-art tal-konkos u jinsab sottopost ghall-fond 10/1 ta' l-istess triq. Fug ix-xellug hemm kamra zghira bid-w.c. u warajh bitha zghira maqsumha fi tnejn. Il-post fih servizz

ta' ilma izda mhux ta' l-elettriku. Jinsab f'kundizzjoni ta' nuqqas ta' manutenzjoni.

**(9) Il-post Numru 10/1 St. George's Junction, St. Julians huwa sovrappost** ghall-fond deskritt precizament qabel, cioe' n-Numru 9 kif diga' intqal u jikkonsisti f'appartament li qieghed go blokk ta' tlieta billi l-arja ta' fuq dan il-fond partikolari ma huwiex mibni waqt illi l-arja ta' fuq il-fond tal-faccata tat-tromba tat-tarag u dice' l-appartament Numru 2 gie zviluppat u l-arja tieghu inbena sabiex jigi ffurmat appartament iehor. L-appartament 10/1 jikkonsisti f'kamra accessibbli direttament mit-tromba tat-tarag illi fiha gallerija mikxufa bil-poggaman tal-hadid, kuridur qasir illi fuq ix-xellug tieghu ghandu kamra tal-banju b'tiega ghal fuq il-bitha nterna, kamra ohra wara il-kuridur u li tigi wkoll retroposta ghall-kamra tal-banju u ghall-bitha interna, u li fil-fatt hija minn fejn wiehed jaccedi ghal gewwa l-kamra tal-banju. Kamra ohra retroposta ghal dik ta' qabilha bil-bieb fin-naha tax-xellug tal-hajt ta' wara illi jaghti ghat-terrazzin u bieb iehor fuq in-naha tal-lemin ta' listess hajt illi jaghti ghall-kamra bis-saqat baxx illi fiha tieqa ghal fuq l-istess terrazzin. Dan il-fond ukoll huwa kompost bhala struttura tas-soqfa minn travi tal-hadid imdendhin taht ix-xorok. It-tarag huwa tal-gebel u mizbugh biz-zebgha. L-aperturi huma parzjalment tal-hadid u parzjalment ta' l-injam u l-madum huwa tas-*cement* iddisinnjat u bil-kulur. Fuq l-arja tal-flat illi jappartjeni ghall-istess appartament gie innutat illi s-saqaf tal-bejt huwa maghmui minn kontrabejt tal-konkos. Il-post jinsab t'kundizzjoni tajba.

**(10) Il-fond "Helen", Triq Sant'Andrija, Swieqi** jikkonsisti f'terran bl-arja tieghu u li fih is-segwenti akkomodazzjonijiet:

kuridur fug ix-xellug tal-tond illi jinzel mat-tul kollu kwazi sat-tarf nett, l-ewwel ambjent illi jinsab fuq il-lemin tal-kuridur accessibbli minnu b'tieqa ghal fuq il-faccata, it-tieni ambjent retropost ghall-ewwel wiehed ukoll accessibbli mill-kuridur bil-bieb fil-hajt ta' wara tal-lemin illi jaghti ghall-bitha interna. Kamra zghira accessibbli mihi-kuridur b'tieqa ghal fuq il-bitha interna u magenbha kamra tax-*shower* bi tliet bicciet ukoll bit-tieqa ghal fuq l-istess bitha interna. Fit-tarf tal-kuridur hemm it-tielet kamra illi tiehu l-wisa' tal-tond kollu u li fiha bieb fil-hajt kamra tal-banju illi jaghti ghal fuq il-bitha interna msemmija. Wara dan l-ahhar ambjent hemm ambjent iehor illi fih tieqa u bieb ghal fuq il-bitha tal-post. Mill-bitha tarag jaghti ghal fuq il-bejt tal-kamra illi tinsab wara l-bitha stess u hemm kamra ohra wkoll tuq il-lemin tal-bitha. Fuq din l-ahhar kamra hemm tieqa fil-hajt ta' quddiem illi tikkostitwixxi servitu' favur il-fond adjacenti billi jappartjeni ghal dan il-fond u li jhares ghal fuq il-bejt ta' dina l-kamra. Fuq ix-xellug tal-bitha imbaghad hemm ghalqa li tibqa' sejra w iddur madwar il-kmamar imsemmija u testendi 'l gewwa.

Il-post huwa kostruwit mjnn hitan tal-gebei u soqfa tattravi tal-hadid u xorok, bil-madum tas-*cement* ikkulurit u ddisinnjat u aperturi ta' l-injam gewwa u barra u kontra-bejt tal-konkos. Il-post fih is-servizzi ta' dawl, ilma u drenagg u

jinsab mikri fl-ammont ta' sebghin hira Maitin (Lm70) kull sena.

**(11) Il-post Numru 1 St. George's Junction, St. Julians** huwa fil-fatt fond kummercjali illi jokkupa l-kantuniera bejn l-istess triq u Trig San Gorg. Huwa gestit bhala Bar bl-isem ta' "Rose and Lily Bar" u jikkonsisti principalment f'kamra illi tokkupa i-kantuniera u li fiha l-bieb fil-kisra ta' bejn triq u ohra u tieqa fuq kull faccata tal-post. Wara hemm bieb illi jaghti ghall-kamra dejqa illi fit-tart taghha fuq in-naha ta' St. George's Junction hemm w.c. b'tieqa ghal fuq I-istess triq, waqt li imbaghad wara din il-kamra hemm spazju taht it-tarag tal-proprieta' adjacenti illi jintuza wkoli ma' dan il-post. Dan il-post fih madum tas-*cement* iddisinnjat tal-kulur, aperturi ta' l-injam fuq barra, travi midfunin fix-xorok fil-kostruzzjoni tas-saqaf, kif ukoll huwa mghammar bis-servizzi ta' dawl, ilma u drenagg.

**(12) Il-fond Numru 2, St. George's Junction, St. Julians** jigi adjacenti ma' dak li ghadu kemm gie deskritt li jikkonsisti f'entrata zghira b'tarag fuq wara illi jitla' ghas-sular ta' fuq u kamra fuq ix-xellug accessibbli mill-intrata b'tiega ghal fuq it-triq. Fis-sular ta' fuq imbaghad hemm kamra ohra f'ras it-tarag illi ghandha tieqa ghal fuq it-triq u kamra ohra adjacenti wkoll b'tieqa ghal fuq I-istess triq. It-tarag imbaghad jerga' jitla' ghal sular iehor fejn fir-ras tieghu fuq nett hemm kamra zghira faccata konvertita bhala kamra tax-*shower* u li fiha w.c., friskatur u vaska tax-*shower* u li fiha tieqa ghal fuq in-naha tat-triq ukoll waqt illi fuq il-lemin hemm tarag illi jitla' ghal fuq il-bejt tal-tond. Il-

post huwa mibni minn hitan tal-franka u soqfa b'travi tal-hadid u xorok u ghandu l-art miksija bil-madum tat-tip *terrazzo* fil-kamra ta' isfel u madum tas-*cement* iddisinnjat u bil-kulur fis-sular ta' fuq, il-kamra tax-*shower* pero' fiha l-art tac-ceramica ma' l-art u mal-hitan kollha. Il-bejt huwa miksi b'kontrabejt tal-konkos. It-tarag huwa wkoll miksi b'tapit illi jestendi wkoll tul il-kamra illi hemm f'ras it-tarag fl-ewwel sular. L-aperturi huma ta' l-*aluminium* fuq barra w il-poggaman tat-tarag ukoll huwa ta' l-*aluminium.* Il-kmamar ukoll ghandhom is-suffitt fis-saqaf. Il-post jinsab f'kundizzjoni tajba u qieghed mikri fl-ammont ta' tmienja w erbghin lira Maltin (Lm48) tis-sena.

**(13) il-fond Numru 63, St. George's Road, St. Julians** huwa post fuq zewg sulari illi parzjalment jestendi wkoll ghal fuq li-fond Numru 1, St. George's Junction, St. Julians. Fil-pjan terran hemm entrata fuq il-lemin tal-faccata inti u diehel u kamra laterali fuq ix-xellug accessibbli mill-intrata b'tieqa kbira ghal fuq St. George's Road. Wara l-kamra laterali hemm it-tieni kamra waqt illi wara l-intrata hemm it-tromba tat-tarag illi fiha tarag tal-gebla bil-poggaman tal-hadid illi jaghti ghas-sular ta' fuq. Wara dawn iz-zewg ambjenti mbaghad hemm kamra illi fiha l-wiesgha kollu tal-post u li fuq ix-xellug ghandha kamrin zghir accessibbli minnha stess b'vaska tal-friskatur u w.c. Warajha imbaghad hemm bieb illi jaghti ghall-bitha fejn hemm kamra ohra zghira.

Fis-sular ta' fuq hemm kamra fuq il-faccata bil-gallerija mikxuta ta' l-*aluminium* u mbaghad fuq ix-xellug ta' din il-

kamra hemm bieb illi jaghti ghal fuq kamra ohra adjacenti illi fil-fatt hija sovrapposta ghall-fond numru 1, St. George's Junction. Din l-kamra ghandha tieqa ghal fuq St. George's Road u gallerija mikxufa ta' l-*aluminium* ghal fuq St. George's Junction. Wara l-ewwel kamra ta' dan is-sular hemm kamra ohra accessibbii mit-tieni wahda u magenbha t-tromba tat-tarag. Warajhom imbaghad hemm kamra ohra accessibbli minn ta' qabilha illi minn fuq il-lemin taghti access ghall-kamra tal-banju *b'shower,* friskatur u vaska tad-w.c. b'tiega illi taghti ghal fuq in-naha ta' wara tal-post. Wara l-kamra adjacenti w il-kamra tal-banju hemm ukoll terrazzin zghir. It-tarag jibqa' jitla' biex iwassal ghall-kamra illi hemm magenbha fuq is-sular tal-bejt.

Il-post huwa wkoll mibni b'travi tal-hadid u xorok u hitan tal-franka u waqt li istel ghandu aperturi esterni ta' l-injam, fuq l-aperturi esterni huma ta' l-*aluminium.* Gewwa l-aperturi kollha huma ta' l-injam mizbugh. Bhala madum il-pjan terran fih madum tas-*cement* ikkulurit u bid-disinn u dana wkoll jirrepeti ruhu fis-sular ta' fuq, hlief ghax-shower fejn hemm madum tac-ceramica ma' l-art u mal-hitan kollha. Hemm ukoll suffitt fil-kamra tal-banju. Fis-sular ta' fuq ukoll pero' s-soqfa ma humiex bit-travi tal-hadid izda huma tal-konkos hlief ghall-kamra illi hemm magenb it-tromba tat-tarag tejn hemmhekk hemm travi tal-hadid. Il-post jinhtieglu ftit manutenzjoni u zebgha u tindif.

**(14) Il-post Numru 116, Church Street, Xghira** huwa post zghir b'terran u qadim illi jintuza ghal villeggatura. Fih kamra fuq il-faccata bil-bieb u tieqa ghat-triq, kamra ohra

warajha bil-bieb fuq ix-xellug u iehor fuq il-lemin. Dak tax-xellug jaghti ghall-bitha waqt li dak tal-lemin jaghti ghall-kamra zghira fuq il-genb b'bitha ghal fuq il-bitha u kamra izghar warajha fejn hemm w.c. u doccia. Il-bitha tkompli ddur wara dawn iz-zewgt ikmamar fil-genb fejn hemm tarag estern illi jitia' ghal fuq il-bjut tal-post.

Il-post huwa fi stat hazin anke billi huwa mizmum maghluq ghal hafna zmien u hemmhekk ukoll jaffettwa l-arja tal-melh billi jinsab vicin il-bahar. It-travi illi jzommu x-xorok tas-saqaf u li huma mdendlin taht ghandhom diversi rqajja ta' sadid partikolarment fl-irjus taghhom u anke wkoll il-hitan ghandhom il-gebel taghhom mherri. Anke l-aperturi esterni ta' l-injam huma mherrijin u mhassrin. Il-madum tas-*cement* ikkulurit u bid-disinn fl-art juri sinjali estensivi ta' tixrib u umidifikazzjoni u huma wkoll mhaffrin. Il-bejt huwa miksi minn deffun u parti minnu wkoll fih kontra-bejt tal-konkos. Fil-kamra tal-banju hemm ukoll blokki tal-hgieg fis-saqaf.

Kit intqal diga' l-post huwa zghir u jinsab f'kundizzjoni pjuttost hazina u jinsab mikri fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fis-sena.

**<u>(B) VALUTAZZJONI</u>**

Illi abbazi tas-suespost l-istess perit tekniku ta stima tal-istess proprieta' fuq indikata u dan tikkonisti fis-segwenti kif elenkata fil-paragrafu 20 tar-relazzjoni peritali u cjoe':-:

(a) Il-fond Numru 1, St. Patrick Fiats, St. George's Junction, St. Julians Lm13,500

(b) Il-fond Numru 2, St. Patrick Fiats, St. George's Junction, St. Julians Lm12,500

(c) Il-Flat Numru 3, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians Lm 6,500

(d) Il-fond "John", St. George's Junction, St. Julians Lm 6,800

(e) Il-fond "Mary", St. George's Junction, gewwa St. Julians Lm 6,950

(f) Il-fond "Helena" St. George's Junction, St. Julians Lm 15,200

(g) Il-fond "Joe", St. George's Junction, St. Julians Lm 7,300

(h) Il-fond Numru 9, St. George's Junction, St. Julians Lm12,750

(i) Il-post Numru 10/1 St. George's Junction, St. Julians Lm14,000

(j) Il-fond "St. Helen", St. Andrew's Road, Swieqi Lm12,600

| | |
|---|---|
| (g) Il-fond Numru 1, St. George's Junction, St. Julians | Lm19,000 |
| (h) Il-fond Numru 2, St. George's Junction, St. Julians | Lm 9,800 |
| (i) Il-fond Numru 63, St. George's Road, St. Julians | Lm18,300 |
| (j) Il-fond Numru 116, Church Street, Xghira | Lm 3,200 |

Illi ghalhekk il-valur totali tal-proprieta' in divizjoni jammonta ghal mija u tmienja u hamsin elf u erba' mitt lira Maltin (Lm158,400).

Illi skond paragrafu 21 tal-istess relazzjoni ghalhekk il-valur tal-proprieta' ta' kull wiehed miz-zewg porzjonijiet illi ghandhom jigu assenjati lill-eredita' ta' Carmelo Bonello u lill-eredita' ta' Helen Bonello rispettivament huwa ta' disgha u sebghin elf u mitejn lira Maltin **(**Lm79,200). Dan ifisser illi il-valur ta' kull wiehed mis-sitt (6) porzjonijiet tal-porzjon ta' l-eredita' ta' Carmelo Bonello ghandu jkollu valur ta' tlettax-il elf u mitejn lira Maitin (Lm13,200) waqt li kull wiehed mill-hames (5) porzjonijiet illi fih ghandu jigi diviz il-porzjon ta' l-eredita' ta' Helen Bonello ghandu jlahhaq il-valur ta' hmistax-il elf tmien mija w erbgha w erbghin lira Maltin (Lm15,844).

**(C) ASSENJAZZJONI.**

Illi l-istess perit tekniku b'hekk ghadda sabiex jassenja i-proprjeta' lid-diversi porzjonijiet sabiex kemm jista' jkun ikun hemm valuri ndaqs skond il-valur tal-porzjonijiet nispettivi.

**(i) PORZJONIJIET TA' KULL EREDITA' RISPETTIVA.**

Illi skond il-paragrafu 22 tar-relazzjoni peritali, l-istess perit tekniku fl-ewwel lok elenka l-porzjonijiet illi ghandhom jigu mahruga mill-porzjon ta' l-eredita' ta' Carmelo Bonello bhala "CB1" sa "CB 6". Dawk ta' l-eredita' ta' Helen Bonello huma elenkati "HB1" sa "HB5" rispettivament.

Illi l-istess propnjetajiet gew assenjati fis-segwenti porzjonijiet hawn taht elenkati u dan kif qed jinghad hawnhekk u skond paragrafu 23 tar-relazzjoni peritali:-

(a) Lill-Porzjon "CB1" ghandu jinghata l-proprjetajiet:

Numru 3, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians; kit ukoll

"Mary", St. George's Junction, St. Julians.

(b) Lill-Porzjon "CB2" ghandu jigi assenjat il-fond:

Numru 1, St. George's Junction,

(c) Lill-Porzjon "CB3" ghandu jigi assenjat il-fond:

Numru 2, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians.

(d) Lill-Porzjon "CB4" ghandhom jigu assenjati l-fondi:
Numru 116, Church Street, Xghira; u
Numru 2, St. George's Junction, St. Julians.

(e) Lill-Porzjon "CB5" ghandu jigi assenjat il-fond:

Numru 1, St. Patrick Flats, St. George's Junction, St. Julians.

(f) Waqt illi lill-Porzjon "CB6" ghandu jigi assenjat il-fond:

"St. Helen", St. Andrew's Road, St. Julians.

Illi ghall dak li jirrigwarda l-eredita' ta' Helen Bonello il-porzjonijiet ghandhom jigu assenjati s-segwenti proprjetajiet skond l-paragrafu 24 tar-relazzjoni peritali u cjoe':-

(a) Lill-Porzjon "HB1" ghandu jigi assenjat il-fond:

Numru 1, St. George's Junction, St. Julians.

(b) Lill-Porzjon "HB2" ghandhom jigu assenjati l-fondi:

“Joe”, St. George’s Junction, St. Julians; u “John”, St. George’s Junction, St. Julians.

(c) Lill-Porzjon “HB3” ghandu jigi assenjat il-fond:

“Helena”, St. George’s Junction, St. Julians.

(d) Lill-Porzjon “HB4” ghandu jigi assenjat il-fond, Numru 10/1 St. George’s Junction, St. Julians.

(e) Waqt illi lill-Porzjon “HB5” ghandu jigi assenjat il-fond:

Numru 63, St. George’s Road, St. Julians.

**(ii)** **<u>EKWIPARAZZJONI.</u>**

Illi l-istess relazjoni peritali tipprovdi li peress li l-ishma ma humiex indaqs bhala valur ghandha ssir l-ekwiparazzjoni segwenti skond kif indikata f’paragrafi 26 u 27 tal-perizja li qed jigu hawn riprodotti fl-intier taghhom u cjoe’:-

*“L-ewwel nett billi l-valur totali tal-porzjon ta’ l-eredita’ ta’ Helen Bonello jammonta ghal tmenin elf u sitt mitt lira Maltin **(Lm80,600)** waqt illi dak tal-porzjon ta’ l-eredita’ ta’ Carmelo Bonello jammonta ghal sebgha u sebghin elf u tmien mitt Iira Maltin **(Lm77,800)** ghandha ssir ekwiparazzjoni billi s-sehem ta’ l-ewwel thallas l-ammont ta’ elf u erba’ mitt iira (Lm1,400) lis-sehem ta’ l-iehor. Dana sabiex il-valur finali ta’ kull sehem ikun jammonta ghal*

*disgha u sebghin elf u mitejn lira Maltin **(Lm79,200),** u cioe' nofs il-valur totali tal-proprieta'.*

*"Illi inoltre ghandha ssir l-ekwiparazzjoni segwenti:-*

*Il-Porzjon "CB1" ghandu jhallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lill-Porzjon "CB2" illi min-naha tieghu minn barra illi jircievi dawn il-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) minn Porzjon "CB1" jircievi wkoll is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) minn Porzjon "CB5". Il-Porzjon "CB3" jircievi l-ammont ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) mill-Porzjon HB. Il-Porzjon "CB4" ghandu jircievi l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) minn Porzjon "CB5" u ta' mitt lira Maltin (Lm1OO) minn Porzjon "HB". Il-Porzjon "CB5" imbaghad ghandu jhallas is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) lill-Porzjon CB2 u ta' mitt lira Maltin (Lm1OO) lill-Porzjon "CBS". Il-Porzjon "CB6" imbaghad ghandu jircievi s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) minn Porzjon "HB".*

*"Minn naha l-ohra l-Porzjon "HB1" ghandu jhallas is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) lill-Porzjon "CB" sabiex tigi mqassma fuq id-diversi porzjonijiet kit diga' gie spjegat u dana kull fejn jirrizulta illi ghandha ssir pagament bhala ekwiparazzjni minn xi wiehed jew wahda minn dawn il-porzjonijiet mill-eredita' ta' Helen Bonello. Imbaghad il-Porzjon "HB3" ghandu jircievi s-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) mill-Porzjon "HB1" u ta' sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm620) mill-Porzjon "HB5". Il-Porzjon "HB4" ghandu jircievi s-somma ta' elf tmien mija w erbghin lira*

*Maltin (Lm1,840) mill-Porzjon "HB5" waqt illi l-Porzjon "HB5" ghandu jaghti minn barra l-elf tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm1,840) lill-Porzjon "HB4", is-somma wkoll ta' sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm620) lill-Porzjon "H. B'hekk kull wiehed mill-ishma jkun akkwista sehem mill-valur ta' skond kif sar it-tqassim rikjest mill-atturi".*

Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti taddotta in pjen u fit-totalita' taghha ir-relazzjoni peritali tal-istess perit tekniku David Pace A & C. E. b'dan li l-assenjazzjoni ghandha ssir skond il-porzjonijiet u l-istimi fuq indikati u bl-ekwiparazzjoni fuq suggerita, b'dan ghalhekk li din l-istess Qorti qed taddotta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-istess relazzjoni peritali li ghandha ghalhekk tifforma parti min din is-sentenza, u b'dan ukoll li tali porzjoniijiet rigwardanti l-eredita' tad-decujus Carmelo Bonello skond il-porzjonijiet "CB1" sa "CB6" ghandhom jigu assenjati, bl-ekwiparazzjonijiet fuq indikati fl-istess relazzjoni peritali, wahda lill-kull parti f'din il-kawza u cjoe' Julian, Francis, Joseph, Carmelo, Emmanuela armla Zammit, ilkoll ahwa Bonello, u lill-Frank Bonello bhala eredi tal-mejjet John Bonello, permezz tal-polza li ghandha issir min-Nutar Dr. Carmelo sive Charles Mangion hawn nominat sabiex jippublika l-att ta' divizzjoni relattiv, fil-waqt li l-porzjonijiet "HB1" sa "HB5" ghandhom jigu assenjati lill Julian, Francis, Joseph, Carmel, ilkoll ahwa Bonello, u lill-Frank Bonello bhala eredi tal-mejjet John Bonello bil-procedura medesima tal-polza li ghandha tigi wkoll kondotta mill-istess Nutar Carmel sive Charles Mangion fuq indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu jopponu ghall-istess likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji tal-konjugi Carmelo u Helen Bonello, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi din il-Qorti taddotta u taghmel taghha ir-relazzjoni peritali tal-istess perit arkitett David Pace A & C. E. f'dak kollu li jirrigwarda l-konsistenza tal-assi tal-istess ereditajiet rispettivi, stimi, assenjazjonijiet, porzjonijiet u ekwiparazzjonijiet hemm indikati u ghalhekk:-

(1) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-fuq imsemmija Carmelo Bonello u Helen nee' Mifsud billi tiddikjarahom jezistu f'dawk il-beni li huma indikati hawn fuq u li jinsabu specifikati fil-paragrafu hamsa (5) tar-relazzjoni peritali tal-istess perit David Pace A & C. E. u skond d-deskrizzjoni u stimi hemm kontenuti fl-istess relazzjoni f'paragrafi sitta (6) sa ghoxrin (20) tal-istess relazzjoni peritali.

(2) Tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali li qed jigu assenjati f'porzjoni lill-eredita' ta' Carmelo Bonello u f'porzjoni ohra lill-eredita' ta' Helen Bonello nee' Mifsud skond kif indikat f'paragrafu wiehed u ghoxrin (21) tar-relazzjoni peritali, bl-aggustament pero' indikati f'paragrafu hamsa u ghoxrin (25) tar-relazjoni peritali skond il-porzjonijiet hemm indikati "CB1" sa "CB6" u "HB1" sa "HB5" b'dan li tapplika l-ekwiparazzjonijiet bejn iz-zewgt porzjonijiet indikati fl-istess paragrafu hamsa u ghoxrin (25) tar-relazzjoni favur is-sehem tal-eredita' ta'

Carmelo Bonello fl-ammont ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400).

(3) Tillikwida l-eredita' appartenenti lill-assi ta' Carmelo Bonello billi tiddikjarah jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidat li rrizultaw appartenenti lill-istess eredita' skond l-istess relazzjoni peritali;

(4) Tillikwida l-eredita' appartenenti lill-fuq msemmija Helen Bonello nee' Mifsud billi tiddikjara li tikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif fuq likwidata skond l-istess relazzjoni peritali;

(5) Tordna, id-divizjoni tal-eredita' ta' Carmelo Bonello billi tordna d-divizjoni tal-istess f'sitt porzjonijiet indikati fl-istess relazzjoni peritali bhala porzjonijiet rispettivi "CB1" sa CB6" bl-ekwiparazjonijiet indikati f'paragrafu 26 tar-relazzjoni peritali u fuq riportata u liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda kull wiehed mill-fuq imsemmija werrieta, u cjoe' porzjoni kull wiehed lill Julian, Francis, Joseph, Carmelo, Emmanuela armla Zammit, ilkoll ahwa Bonello, u lill-Frank Bonello bhala eredi tal-mejjet John Bonello, u dan permezz tal-procedura tal-polza li ghandha tigi kondotta minn Nutar Carmel sive Charles Mangion, li qed jigi nominat ghall dan l-iskop minn din il-Qorti.

(6) Tordna l-likwidazzjoni tad-divizjoni tal-eredita' ta' Helen Bonello nee' Mifsud billi tigi diviza f'hames porzjonijiet kif indikati fl-istess relazzjoni peritali bhala porzjonijiet rispettivi "HB1" sa HB5" bl-ekwiparazjonijiet indikati f'paragrafu 27 tar-relazzjoni peritali u fuq riportata u liema porzjonijiet

ghandhom jigu assenjati wahda kull wiehed mill-fuq imsemmija werrieta, u cjoe' porzjoni kull wiehed lill Julian, Francis, Joseph, Carmelo, ilkoll ahwa Bonello, u lill-Frank Bonello bhala eredi tal-mejjet John Bonello, u dan permezz tal-procedura tal-polza li ghandha tigi kondotta minn Nutar Carmel sive Charles Mangion, li qed jigi nominat ghall dan l-iskop minn din il-Qorti.

(7) Tiffissa bhala data, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-att tad-divizjoni relattiv, wara li qabel issir il-polza relattiva tas-26 ta' April 2002 fil-11.30.a.m. fl-edificju tal-Qorti, f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, Valletta, u tinnomina lin-nutar pubbliku Carmel sive Charles Mangion biex jippublika l-istess att u lil Dr. Rachel Montebello u Dr. Ramona Frendo bhala kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq dak l-istess att;

Bl-ispejjez jigu issopportati mill-partijiet proporzjonalment skond is-sehem rispettiv taghhom fl-istess ereditajiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**